**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

Rik. Gur. Nru: XX/XXXX/XX
Diff: XX/XX/XXXX

XY

*vs*

ABC *et*

**Rikors tal-kjamati in kawza ZY u AB (K.I.: XX u XX rispettivament);**

Jesponu bir-rispett,

Illi l-esponenti gew kjamati in kawza b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-XX ta' XXX XXXX.

Illi billi l-esponenti kienu ghadhom mhux notifikati, fis-seduta tat-XX ta' XX XXXX, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat li n-notifika tal-esponenti issir bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u ghall-finijiet tal-art 187(3), ordnat li n-notifika bil-mezz tal-pubblikazzjoni ssir f'gurnal lokali wiehed fl-ilsien Malti;

Illi minn kif jirrizulta mill-process, u senjatament mir-riferta a fol 346, in-notifika bl-affissjoni saret fl-ghasses tal-pulizija u fl-ufficcju tal-kunsilli lokali fil-lokalitajiet fejn jabitaw l-esponenti u cjoe XXX u XXX fil-waqt li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

Illi l-pubblikazzjoni fil-gurnal lokali fl-ilsien Malti ma saritx u kwindi, ghall-ghanijiet u effetti kollha tal-ligi, l-esponenti ma kienux meqjusa b'notifikati;

Illi madankollu, minbarra li kien hemm l-affissjoni mar-residenza tal-esponenti, l-attrici cemplet lill-esponenti AB u gharrfitha li kellha tattendi l-Qorti. Rinfaccjata b'dan, l-esponenti attendiet minghaliha peress li kellha tixhed, kif del resto kien xehed huha, l-esponenti l-iehor ZY li d-depozizzjoni tieghu tinsab a fol 255 tal-process. Fil-fatt l-esponenti ma fehemux li huma kienu gew imharrkin izda, peress li kienu jafu b'din il-kawza liema kawza ilha pendenti madwar ghaxar snin, hasbu li l-prezenza taghhom kienet mehtiega sabiex jixhdu;

Illi l-esponenti dehru ghas-seduta tat-XX ta' XX XXXX u kif jirrizulta mill-verbal "*fuq mistoqsija maghmulha mill-Qorti jiddikjaraw li ma hatrux avukat biex jidher ghalihom f'din il-kawza u ghazlu li ma jressqux Twegiba Mahlufa minkejja li laqghu n-notifika tal-atti tal-kawza*";

Illi fil-verita, l-esponenti ma fehmux li kienu kjamati in kawza u fehmu l-import tad-dikjarazzjoni li giet verbalizzata meta l-avukat VS u l-avukat sottofirmat spjegawilhom il-fatti;

Illi l-esponenti jifhmu l-konsegwenzi li d-dikjarazzjoni taghhom iggib maghha izda jissottomettu bil-qima, li huma ma kellhom l-ebda intenzjoni li juru kontumelja lejn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk sejrin jghaddu sabiex jitolbu li tigi purgata l-kontumacja taghhom u konsegwentement jigu awtorizzati sabiex jipprezentaw risposta guramentata;

Illi r-ragunijiet li a bazi taghhom l-esponenti qeghdin jitolbu l-purgazzjoni tal-kontumacja u l-eventwali permess specjali sabiex jipprezentaw risposta guramentata huma s-segwenti:

1. Illi l-esponenti li ghandhom eta avvanzata mhumiex midhla tal-Qorti u jbatu minn kundizzjoni medici partikolari li jinkwetawhom mod iehor;

2. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma riedu juru kontumelja lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti tant li attendew ghas-smiegh;

Illi in sostenn ta' dan, l-esponenti jissottomettu dan li gej:

(i) Illi l-istat tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hija element ta' disordni socjali[1] u sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, trid tintwera' gusta kawza.[2] Kawza gusta trid tikkonsisti f'impediment legittimu indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci[3] u kif irriteniet din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza "Britannia Catering Company Limited *vs* Scala Developments Company Limited" deciza fit-3 ta' Mejju 2007, "*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"*culpa*" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire";

(ii) Illi kif jirrizulta mic-certifkat mediku anness u mmarkat "Dok. ZY", l-esponenti ZY tbati minn serje ta' kumplikazzjoni medici inkluz *hypertension* u dipressjoni. L-esponenti ZY ukoll ibati minn ghadd ta' kundizzjonijiet medici kif se jigi ppruvat fil-mori tal-odjerni proceduri;

(iii) Illi inoltre, fil-kaz odjern – peress li l-kawza giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni, l-esponenti ma kellhomx il-possibilita li kif normalment jigri meta n-notifika ssir bil-purtier (del resto l-ligi trid li r-rikorsi guramentati kollha jigi notifikati bil-purtier fl-ewwel tentattiv), il-marixxal iwissihom dwar il-htiega li jkellmu avukat minghajr dewmien. Fil-kaz odjern, l-esponenti sabu l-atti mwahhlin u fehmuhom mill-ahjar li setghu;

---

[1] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Vella *pro et noe vs* John Vella" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Mejju 1993

[2] *Vide* f'dan is-sens "Paul Grixti *vs* Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"

[3] *Vide* f'dan is-sens XXXVIII.i.393; XLII.i.811; XXIX.i.1581

(iv) Illi inoltre, l-eponenti tfixxklu meta l-attrici cemplitilhom u gharrfithom li kellhom jidhru quddiem il-Qorti. L-esponenti, li kienu jafu li hemm kawza istitwita mill-attrici odjerna, u li kif diga nghad kien xehed l-esponenti AB fiha, hasbu li l-prezenza taghhom kienet mehtiega sempliciment qua xhieda. L-esponenti mhumiex midhla tal-Qrati u fi kwalunkwe kaz, ma setghux jobsru li saru parti fil-kawza ghaxar snin wara li din infethet;

(v) Illi hu car li fil-kaz odjern, l-esponenti ma riedu juru l-ebda kontumelja lejn l-awtorita tal-Qorti tant li huma attendew ghas-seduta. Il-verita hu li kieku m'attendewx, il-kawza ma setghetx timxi u kien ikollha ssir l-pubblikazzjoni fil-gurnal lokali;

(vi) Illi l-gurisprudenza tghallimna li ghad li l-Qrati ghandhom josservaw b'rigur id-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar il-kontumacja, kull dubju ghandu jmur favur il-konvenut li jitlob il-purgazzjoni taghha, kif gie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu 2001 fl-ismijiet "Angelo Bartolo *et vs* Emmanuel Zammit":

> Jinghad biss illi, f'materja ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja, filwaqt li l-Qorti kellha tosserva b'rigur id-dispozizzjoni tal-ligi proprju biex tikkawtela kontra dik il-kontumelja illi tkun tirrazenta disprezz lejn l-awtorita' taghha, kien doveruz illi flinterpretazzjoni ta' tali disposizzjoni li kienet irrimedjabbilment tippregudika d-dritt tal-konvenut li jiddefendi ruhu, l-Qorti, f'kaz ta' dubju, tiffavorixxi l-jedd ta' smiegh xieraq billi tispurga l-kontumacja apparenti.

Illi rilevat dan kollu, jsegwi li certament li l-agir tal-esponenti ma kienx wiehed kolpuz;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu bir-rispett, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-purgazzjoni tal-kontumacja u konsegwentement tawtorizza lill-esponenti sabiex jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

P.L. Jean-Pierre Busuttil